**KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA**
**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**
**TEL: 2168 0622**
**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru erbgħa u tmenin (84)tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar l-Erbgħa, 4 t'Ottubru 2017 fis-6.30pm fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Dr Charlene Muscat | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Viċi Sindku |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anita Farrugia | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

Is-Sindku, Charlene Muscat ippresediet il-laqgħa u qalet it-talba.

**84.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**
Ma' kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**84.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**
Saru dawn il-korrezzjonijiet għall-minuti tas-seduta numru tlieta u tmenin:
83.05 Żdiedet is-sentenza wara l-kelmiet '...Deputat Segretarju.', 'Grace Marie Mallia ma' taqbilx mal-kunċett tad-Deputat Segretarju u għaldaqstant astjeniet'.
83.10 Inqatgħu il-kelmiet 'm'hemmx iċ-ċans li jsir appell mid-deċiżjoni iżda għal mod kif kien il-proċess skont artiklu 469A li jelenka malamministrazzjoni fuq żball amministrattiv' u ddaħħlu 'l-unika possibilita li jsir appell mid-deċizjoni tal-Awtorita' tal-Ippjanar hija taħt artiklu 469A pero' biex dan ikun possibbli jrid ikun hemm prova ta' malamministrazzjoni.'

Dawn tressqu għal vot minn Charlene Muscat u kienu ssekondati minn Paul Spiteri u approvati unanimament.

**84.03 Komunikazzjoni mis-Sindku;**
84.03.01 Is-Sindku qalet illi kienet avviċinata minn Peter Busuttil għall-Malta Community Chest Fund u dan qalilha illi nhar it-13 t'Ottubru 2017, is-Sindki kollha tal-lokalitajiet ta' Malta u Għawdex se jkunu nvoluti biex jiġbru l-flus għall-istrina.

84.03.02 Dwar il-proposta tal-armar tal-by-pass mis-soċjetajiet mużikali għall-Milied, il-KLM se jara jekk dawn humiex lesti li jagħmlu dan kif ukoll idoqqu l-fanfarra wara l-Quddiesa ta' Ringrazzjament f'Jum l-Imqabba fuq iz-zuntier quddiem il-lapida tal-gwerra.

84.03.03 Is-Sindku semmiet il-problema tad-dwal dekorattivi fi Triq Karmenu Ciantar. Aktar tard fil-laqgħa kienet approvata l-ispiża ta' €803, Pas no 537, Item 53 biex isiru t-tiswijiet.

84.03.04 Charlene Muscat semmiet l-inkonvenjent minn vetturi tqal li għadhom jgħaddu minn Triq Valletta biex jidħlu mgħobbijin fil-barrieri ħalli dawn jintradmu.

84.03.05 Is-Sindku qalet illi daħħalna fil-ħin l-applikazzjoni għar-Restawr tal-Ħajt tal-Matla fil-ħin għand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex possibilment tintgħażel l-applikazzjoni tagħna.

84.03.06 Issemmiet iċ-ċertifikazzjoni tax-xogħlijiet konklużi fil-leġislatura preċedenti fl-istess Pjazza Ġublew tad-Djamanti, fejn intqal illi l-Perit tal-Kunsill, Anthony Bezzina ta ċertifikazzjoni għal xogħol ħażin magħmul mill-kuntrattur tal-KLM Schembri Barbros. Dan wara li rriżulta illi l-

ilma tal-bejt/bitħa ta’ resident minkejja li mhux devjat lejn is-sistema tad-drenaġġ, qed jinbela’ taħt il-bini tant li residenti oħrajn tmermrilhom saħansitra il-granit tat-taraġ. Il-KLM se jieħu l-pożizzjoni illi jsewwi l-bankina bil-kuntrattur preżenti u jintbgħat il-kont lil Schembri Barbros.

84.03.07 Grace Marie Mallia resqet suġġeriment li rċeviet mingħand residenta dwar il-ħtieġa ta’ Club 3-16. Is-Sindku semmiet illi wara komunika li kellha mal-Minisru Owen Bonnici, jidher li hemm nuqqas ta’ għalliema u jidher li dawn il-ġenituri ġew offruti sabiex uliedhom imorru fil-lokalita’ taż-Żurrieq. Grace Marie Mallia qalet illi tajjeb ukoll li bħala KLM niktbu formalment dwar il-ħtieġa sabiex inkomplu nressqu ‘l quddiem din l-ideja.

84.03.08 Charlene Muscat qalet illi għandna ninsistu mal-Kummissarju tal-Artijiet sabiex tinfetaħ Triq il-15 ta’ Settembru għal Triq Valletta. Dan wara li konna bagħatna ittra u ma kienx hemm tweġiba.

84.03.09 Is-Sindku qalet illi fil-laqgħa li hija skedata ma’ l-Onor Julia Farrugia Portelli, minkejja li fid-dekasteru tagħha għandha ir-riformi, iċ-ċittadinanza u s-simplifikazzjoni għall-proċessi amministrattivi, għandna nqajmu l-punt tal-iżvilupp ta’ bini li se jostor il-logħob tan-nar fil-*by-pass* fost affarijiet oħra. Grace Marie Mallia talbet li tkun skużata kemm għal din il-laqgħa kif ukoll għal-laqgħa mal-Ministru Owen Bonnici.

84.03.10 Is-Sindku kkummentat dwar il-kuntratt tat-tindif tat-toroq. Se ssir laqgħa ma’ dan il-kuntrattur nhar id-9 ta’ Ottubru 2017 biex inqajmu dawn id-diffikultajiet.

84.03.11 Is-SE semma’ l-laqgħa li kellu mal-uffiċjali tal-Gal Xlokk fejn qal illi hemm iċ-ċans li jkunu ttappjati €60,000 sabiex tkun żviluppata biċċa art pubblika fi ġnejna b’afforestazzjoni. Għaldaqstant ġejna mitluba sabiex insibu xi mkien li naħsbu li jkun jikkwalifika.

**84.04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

84.04.01 Għall-mistoqsija ta’ Grace Marie Mallia dwar jekk għandniex risposta dwar il-ħofra fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti li ggravat wara l-aħħar xita, is-SE kien mitlub jibgħat żewġ e-mails lil ministeru ta' Ian Borg u Joe Mizzi sabiex tissewwa l-ħofra li tfaċċat fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti.

84.04.02 Anita Farrugia ipproponiet li terġa’ ssir mawra sal-istitut tal-Qalb ta’ Ġesu’ f’Ħaż-Żabbar sabiex voluntieri jagħmlu dan ix-xogħol. Se ssir sejħa fuq il-*facebook page* tal-KLM biex dan isir nhar is-Sibt 9 ta’ Novembru.

84.04.03 Paul Spiteri semma’ l-*clothes bin* li hawn quddiem il-KLM. Hu qal illi l-Każin tal-Futbol lesti li jpoġġuha quddiem l-*istand* tal-ispettaturi tal-*ground* tal-futbol faċċata ta’ Triq Annetto Caruana. Se jkun hemm bżonn li ssirilha pjattaforma tal-konkos biex tiġi nvellata l-art.

84.04.04 Grace Marie Mallia pproponiet Buffet Breakfast għas-7 ta’ Novembru fil-Lukanda San Antonio.

**84.05 Jum l-Imqabba 2017**

84.05.01 Kien imsemmi l-invit li se jsir fl-okkażjoni tas-serata ta‘ Ġieħ l-Imqabba 2017 u l-lista tal-inviti.

84.05.02 Kien deċiż li jsir programm li jitqassam fid-djar biex ir-residenti jkunu imħeġġa jipparteċipaw kemm jista’ jkun.

84.05.03 Kien ippreżentat ir-rapport tal-Bord ta’ Rakkomandazzjoni tal-Unur Ġieħ l-Imqabba

li minkejja li hu pubbliku dan ikun jista' jiġi esebit wara l-għoti ta' dan l-unur. Il-KLM aġġorna s-seduta temporanjament billi tefa' l-mikrofoni tal-*live streaming* apposta biex dak li jkun diskuss ikun privat sakemm jingħata dan il-premju. Intant kien hemm qbil unanimu illi Ġieħ l-Imqabba 2017 jingħata lil Dr Charles Farrugia għall-kontribut tiegħu fir-riċerka storika kif kien rakkomandat mill-board. Il-KLM se jirrikonoxxi l-persuni kollha nominati bl-unur tal-mertu u rringrazzja lill-Bord ta' Rakkomandazzjoni. Charlene Muscat qalet illi peress l-aħħar ġurnata ta' xogħol għal Rita Abela Damato se tkun propju l-ġimgħa d-dieħla, ikun xieraq illi jingħata rikonoxximent bħala ringrazzjament lilha f'din l-istess serata. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**84.06 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Kienet approvata l-Payment approval sheet numru 537 bl-eċċezzjoni li nqatgħu minn fuq il-lista il-pagamenti murija f'item 7-11, 31 u 40.

**84.07. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-30 t'Ottubru 2017 fis-6.00pm filwaqt li din il-laqgħa intemmet fit-20.40pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 30/10/17 minn Dr Charlene Muscat
Segretarju Eżekuttiv Sindku